

31993D0550

L 267/20

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

28.10.1993

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**ta' l-20 ta' Ottubru 1993****li tikkonċerna t-tmiem tal-ftehim ta' koperazzjoni dwar il-protezzjoni mit-tniġġis tax-xtut u l-ibħra fil-grigal ta' l-Atlantiku**

(93/550/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 130s tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi l-ewwel żewġ programmi ta' azzjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-ambjent ⁽⁴⁾ jenfazzaw l-importanza li l-Komunità taħdem kontra t-tniġġis ta' l-ibħra b'mod ġenerali u tagħmel dispożizzjoni *inter alia* għal miżuri tal-Komunità biex jagħtu kas il-problemi tat-tniġġis kawżati mit-trasport u l-ġarr bil-baħar; billi dawn jispeċifikaw li l-kompitu tal-protezzjoni ta' l-ibħra jikkostitwixxi fattur ta' prijorita bil-għan li jinżamm il-bilanċ ekoloġiku vitali;

Billi t-tielet programm ta' azzjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-ambjent ⁽⁵⁾ jenfazzaw li, f'każ ta' inċident, l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri konċernati għandhom ikollhom il-kapaċita li jintervjenu malajr, b'mod koordinat u b'mezzi suffiċjenti;

Billi r-raba' programm ta' azzjoni ambjentali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁶⁾ jikkonferma li l-kontroll tat-tniġġis mit-tixrid taż-żejt

jibqa' prijorita valida u, saħansitra, li l-prijorita attribwita lit-tniġġis tal-baħar qiegħda tiżdied; billi jirrikonoxxi li għandha tingħata attenzjoni kbira lil sustanzi perikolużi oħra trasportati bil-baħar, minbarra ż-żejt;

Billi l-ħames programm ta' azzjoni ambjentali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁷⁾ minn naħa, jirreferi għall-hteġa li jittejjeb l-istat ġenerali tal-preparazzjoni u l-kapaċita ta' l-intervent fil-każ ta' diżastru naturali jew teknoloġiku u, minn naħa l-oħra, jenfazzaw l-hteġa għat-titjib fil-mezzi ta' intervent fid-dawl tar-riskji inerenti dejjem jiżdiedu b'mod partikolari f'operazzjonijiet perikolużi ta' trasport, li f'termini konkreti jinvolvu t-titjib u iktar tiġdid fil-proċeduri ta' assistenza bejn xulxin;

Billi l-Kummissjoni ħadet sehem, f'isem il-Komunità, fin-negozjati biex ikun preparat ftehim internazzjonali ta' koperazzjoni għall-protezzjoni mit-tniġġis tax-xtut u l-ibħra fil-grigal ta' l-Atlantiku;

Billi, b'riżultat ta' dawn in-negozjati, kien adottat fis-17 ta' Ottubru 1990 f'Lisbona il-Ftehim ta' Koperazzjoni għall-protezzjoni mit-tniġġis tax-xtut u l-ibħra fil-grigal ta' l-Atlantiku, u kien iffirmat f'isem il-Komunità;

Billi l-Ftehim jimla' vojt, fir-rigwar tal-grigal ta' l-Atlantiku, fl-azzjoni internazzjonali relatata mat-tniġġis aċċidentali fil-baħar, peress li l-Baħar Baltiku, il-Baħar tat-Tramuntana u l-Mediterran huma diġa koperti mill-ftehim multilaterali għall-koperazzjoni f'każ ta' tniġġis aċċidentali fil-baħar;

⁽¹⁾ ĠU C 56, tas-26.2.1993, p. 13.

⁽²⁾ ĠU C 176, tat-28.6.1993, p. 211.

⁽³⁾ ĠU C 201, tas-26.7.1993, p. 48.

⁽⁴⁾ ĠU C 112, ta' l-20.12.1973, p. 1 u ĠU C 139, tat-13.6.1977, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU C 46, tas-17.2.1983, p. 9.

⁽⁶⁾ ĠU C 328, tas-7.12.1987, p. 23.

⁽⁷⁾ ĠU C 138, tas-17.5.1993, p. 33.

Billi hemm ix-xewqa tal-Komunità li tapprova dan il-Ftehim sabiex jagħmel il-parti tiegħu biex jilħaq l-għanijiet tiegħu flimkien ma' l-Istati Membri, b'mod speċjali b'konsiderazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/85/KEE tas-6 ta' Marzu 1986 li tistabbilixxi sistema ta' informazzjoni tal-Komunità għall-kontroll u t-tnaqqis ta' tniġġis kawżat mit-tixrid ta' idrokarboni u sustanzi perikolużi oħra fil-baħar jew fibhra interni maġġuri ⁽¹⁾,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Koperazzjoni għall-protezzjoni mit-tniġġis tax-xtut u l-ibħra fil-grigal ta' l-Atlantiku, kif adottata f'Lisbona fis-17 ta' Ottubru 1990, hija hawnhekk emendata fisem il-Komunità Ekonomika Ewropea.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem il-Komunità Ekonomika Ewropea, jiddepożita l-istrument ta' approvazzjoni mal-Gvern tal-Portugal kif previst fl-Artikolu 24(2) tal-Ftehim.

Magħmula fil-Lussemburgu, fl-20 ta' Ottubru 1993.

Fisem il-Kunsill

Il-President

A. BOURGEOIS

(1) ĠU L 77, tat-22.3.1986, p. 33. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 88/346/KEE (ĠU L 158, tal-25.6.1988, p. 32).